## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SUPT. ROBERT VELLA) V JOSEPH GRECH (KI. 156363M)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**29/04/2025**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

**Lil: Joseph Grech** ta' 55 sena, iben Joseph Grech u Josephine nee' Farrugia, mwieled gewwa Hal-Qormi nhar id-09 ta' Marzu, 1963, u residenti gewwa fond numru 115, Il-Bajja s-Sabiha, Birzebbugia, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru **156363(M)**;

**Billi inti akkuzat talli nhar id-19 ta' Novembru, 2018, ghall-habta tal-10:30 ta' bil-filghaxija, gewwa il-Belt Valletta:-:**

**(1)** minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunajt hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Matthew Vassallo, u cioe' feriti ta' natura hafifa skond kif iccertifikat minn Dr. Joseph Saliba M.D. (Reg.No:1776) mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta, ***u dan bi ksur ta' l-Art. 214, 215, 221(3)u 222A(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;***

**(2)** u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, insulentajt, ingurjajt u heddidt bi kliem jew b'mod iehor lil Matthew Vassallo, ***u dan bi ksur ta' l-Art. 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;***

**(3)** u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ksirt il-bon-ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju, ***u dan bi ksur l-Art. 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;***

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tqis lil-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija minbarra l-piena applikabbli, tapplika l-Artikoli 382A, 383, 384, 385, u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghall-harsien ta' Matthew Vassallo.

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha inkluż ix-xhieda ta' PC 355 C. Chircop (*affidavit*), PC 626 G. Benetti (*affidavit*), Supt R. Vella, PS 2145 G. Camilleri, PS 827 E. Grech, Spettur Matthew Galea, Michelle Mangion, Dr. Joseph Saliba (*affidavit*), Dr. Patrick Huhn (*affidavit*), Dr. Martin Bajada, Spettur Daryl Borg, Lorriane Spiteri u Matthew Vassallo.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

*Provi*

Ix-xhud **PC 355 C. Chircop** iddikjara fl-affidavit tiegħu li hu kien membru tal-Korp tal-Pulizija, stazzjonat fil-Għassa tal-Belt Valletta. Fit-20 ta' Novembru 2018 għall-ħabta tat-12:30 p.m., flimkien ma' PC 626, hu rċieva struzzjonijiet mingħand l-Ispettur D. Borg biex jiġbru informazzjoni relatata mal-każ 7/P/5387/2019.

Huma marru fl-indirizz 219 Flat 2, Triq id-Dejqa, il-Belt Valletta, fejn tkellmu ma' Michelle Mangion, li hija l-partner ta' Matthew Vassallo (ID 89486M). PC 626 ta d-drittijiet lil Michelle Mangion b'mod verbali, iżda hija rrifjutat id-dritt li jkollha avukat preżenti.

Michelle Mangion qalet li fit-19 ta' Novembru 2018 għall-ħabta tad-10:30 p.m., kienet qed titkellem ma' raġel li jissejjaħ "iż-Żinnanna", ossia' l-imputat, fil-bieb komuni tar-residenza tagħha, waqt li Matthew kien ġewwa. Matthew beda joffendi lil dan ir-raġel għax kellu suspett li dan kellu interess ikbar minn sempliċi ħbiberija f'Michelle. Kien hemm skambju ta' tgħajjir, u Michelle qalet li qalet liż-Żinnanna jitlaq biex is-sitwazzjoni ma teskalax.

Meta l-imputat telaq minn hemm, Matthew ħareġ mid-dar u qal lil Michelle li kien sejjer sal-vann li kien ipparkjat fit-triq. Michelle talbitu biex jibqa' ġewwa, iżda hu ma tax kasha. Hija qalet li wara dan daħlet torqod u, mistoqsija jekk semgħetx xi għajjat barra, wieġbet fin-negattiv.

PC 355 u PC 626 komplew bl-istħarriġ tagħhom u osservaw diversi kameras fl-inħawi tar-residenza ta' Michelle Mangion. Huma għaddew l-informazzjoni relatata mal-kameras lill-Dr. Martin Bajada.

Ix-xhud **PC 626 G. Benetti**, membru tal-Korp tal-Pulizija, stazzjonat fil-Għassa tal-Belt Valletta, iddikjara fl-affidavit tiegħu li fit-20 ta' Novembru 2018 għall-ħabta tat-12:30 p.m., fuq struzzjonijiet tal-Ispettur D. Borg u b'rabta mal-każ 7/P/5387/2019, mar flimkien ma' PC 355 C. Chircop fl-indirizz 219 Flat 2, Triq id-Dejqa, Valletta. Hemmhekk tkellmu ma' Michelle Mangion (ID 336684M), is-sieħba ta' Matthew Vassallo (ID 89486M). Qabel bdiet l-intervista, is-sinjura Mangion ingħatat id-drittijiet tagħha verbalment, fosthom id-dritt li tikkonsulta ma' avukat, iżda hija rrifjutat dawn id-drittijiet.

Is-sinjura Mangion qalet li fil-lejl bejn id-19 u l-20 ta' Novembru 2018, għall-ħabta tad-10:30 p.m., kienet niżlet fl-entratura tal-blokka tal-appartamenti fejn tgħix biex tiltaqa' ma' ċertu Joseph (ossia l-imputat), magħruf bħala "iż-Żinnanna," li kienet tafu għal ħafna snin u qiesitu bħala figura paternali. Dak il-ħin, kienu fid-dar hi, Matthew, u t-tfal tagħhom. Matthew beda joffendi lil Joseph mill-appartament għax kien jaħseb li dan kellu interess fi Michelle. Kien

hemm skambju ta' kliem bejniethom, u Michelle talbet lil Joseph jitlaq sabiex ma teskalax il-konfront. Hekk kif Joseph telaq, Michelle għalaqet il-bieb u reġgħet telgħet fl-appartament.

Mistoqsija tgħid lejn liema direzzjoni mar Joseph, hija qalet li ma tafx għax għalqet il-bieb meta dan kien għadu quddiem l-entratura. Wara, Matthew qabad iċ-ċwievet u qal lil Michelle li kien sejjer sal-vann, li kienet qalet għandu lewn blu u spare wheel fuq wara, b'reġistrazzjoni li kienet tibda bl-ittra "JUL," u li kien ipparkjat fi Triq id-Dejqa, il-Belt, f'parkeġġ riservat għal persuni b'diżabilità. Michelle qaltlu biex ma joħroġx, iżda huwa insista u ħareġ. Hija mbagħad marret torqod u ma semgħet l-ebda għajjat barra.

PC Benetti u PC Chircop komplew bl-istħarriġ tagħhom fl-inħawi u osservaw diversi kameras ta' sigurtà li setgħu jgħinu fl-investigazzjoni, fosthom dawk ta' "Strait Street," "Ortygia Restaurant," il-Ministeru tal-Intern (fi Triq id-Dejqa), kif ukoll dawk ta' Maltapost u Photocity fi Triq Nofsinhar. L-informazzjoni dwar dawn il-kameras ġiet mgħoddija lill-espert maħtur mill-Qorti, Dr. Martin Bajada.

Barra minn hekk, iż-żewġ pulizija kisbu wkoll filmati mit-Teatru, fejn hemm kameras li jkopru Triq ir-Repubblika, Triq il-Punent, u Triq l-Ordinanza. Madankollu, ma nstab xejn irregolari bejn l-22.00 u l-01.00hrs tal-lejl bejn id-19 u l-20 ta' Novembru 2018.

Is-**<u>Supretendent Robert Vella</u>** xehed quddiem il-Qorti fit-30 ta' Mejju 2022 li fl-20 ta' Novembru 2018, meta kien għadu stazzjonat fl-Għassa tal-Ħamrun, il-Pulizija rċevew rapport li persuna kienet instabet mal-art fil-Blata l-Bajda, Triq Nazzjonali, b'numru ta' ġrieħi serji u demm ħiereġ minn ġisimha. Il-persuna instabet minn ċittadin Nigerjan li għadda minn fuq il-post u informa lill-pulizija u lill-ambulanza. Il-persuna feruta kienet l-imputat Joseph Grech li ġie identifikat mill-istess xhud fil-Qorti.

Joseph Grech ġie trasferit l-isptar Mater Dei, u allega li l-ġrieħi ġew ikkawżati minn Matthew Vassallo u membri oħra tal-familja tiegħu. Peress li l-ġrieħi kienu gravi u f'mument minnhom kienu anke ta' theddida għall-ħajjtu, inbdiet inkjesta mill-Maġistrat Dr Joe Mifsud, wara li s-Supretendent Vella informah bil-każ. Il-pulizija arrestaw lil Matthew Vassallo u membri tal-familja tiegħu.

Meta ġie arrestat, Matthew Vassallo ammetta li kien hemm argument bejnu u Grech iżda ċaħad li dan seħħ fil-Blata l-Bajda. Minflok, qal li l-argument kien seħħ fit-19 ta' Novembru għall-ħabta ta' l-10:30 p.m. fi Strada Stretta, il-Belt Valletta, barra r-residenza tal-partner tiegħu Michelle Mangion. Hu stqarr li dakinhar kien mar għand Joseph Grech, li qam argument bejniethom, u li kien hu stess li sofra ġrieħi waqt l-incident.

Il-pulizija komplew bl-investigazzjonijiet, li kienu jinkludu wkoll lil omm Matthew u tnejn minn ħutu. Wara l-ħruġ ta' Grech mill-isptar, fit-13 ta' Jannar 2019 s-Supretendent Vella sejjaħlu biex jagħti stqarrija. Wara li ngħata d-drittijiet tiegħu u għażel li ma jkollux avukat, Grech ikkonferma li kien mar quddiem ir-residenza ta' Michelle Mangion u nqala' argument bejnu u bejn Vassallo. Ir-raġunijiet għall-argument kienu diversi, fosthom ir-relazzjoni bejn Grech u Mangion li kienet ta' ħbiberija iżda li Vassallo kien qed jissuspetta li kien hemm xi ħaġa iżjed minn hekk.

Vella spjega wkoll li Grech kien infurmat li kien qed jiġi investigat abbażi tal-allegazzjonijiet ta' Vassallo, appoġġjati minn żewġ ċertifikati mediċi li ngħataw lill-Pulizija meta Vassallo kien arrestat. Dawn iċ-ċertifikati ġew esebiti flimkien mal-istqarrija ta' Grech, ċertifikat tat-twelid, fedina penali u sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali kontra Grech.

**PS 2145 Graziella Camilleri** xehdet li fl-20 ta' Novembru 2018 kienet fuq xogħol ġewwa r-Rabat u kienet se tieħu over fl-Għassa tal-Ħamrun. Ftit wara nofsillejl ġiet infurmata li kien instab raġel f'qagħda serja qrib il-bus stop, direzzjoni lejn il-Ħamrun. Meta waslet fuq il-post, il-vittma diġà kien ittieħed l-isptar Mater Dei. Camilleri marret immedjatament l-isptar, fejn sabet lill-imputat Joseph Grech f'qagħda kritika. Huwa semmielha li kien qala xebgħa mingħand Matthew Vassallo u xi membri tal-familja tiegħu. Camilleri informat lill-Ispettur Robert Vella u marret Bormla biex issib lil Vassallo, li ngħata d-drittijiet tiegħu u dan rrifjuta kura medika. Hija kkonfermat li r-rwol tagħha beda fl-20 ta' Novembru għal ħabta ta' 12:30am u ma kellhiex informazzjoni dwar xi inċident ieħor il-ġurnata ta' qabel

**PS 827 Edward Grech** xehed li fl-20 ta' Novembru 2018 ħa over mingħand PS Camilleri, li informatu bil-każ u tatu d-dettalji kollha. Fuq struzzjonijiet mill-ispettur, hu ħa lil Matthew Vassallo ċ-Ċentru tas-Saħħa minħabba l-allegazzjoni li weġġa' f'idejh ix-xellugija waqt il-ġlieda. Dr Saliba ċċertifikah bi ġrieħi ħfief u ċ-ċertifikat ġie mgħoddi lill-għassa. Grech ta d-drittijiet lill-Vassallo li rrifjuta li jkellem avukat u anke rrifjuta li jiffirma d-dikjarazzjoni ta' rifjut. Skont Vassallo, kien il-Belt ghand Michelle, meta Joseph Grech wasal, beda jheddu u attakkah b'siġġu. Kien hemm xi nies għaddejjin li kienu ppruvaw jisseparawhom u Grech telaq minn fuq il-post. Vassallo qal ukoll li hemm kameras tas-sigurtà li setgħu jgħinu fl-investigazzjoni. Dan kien ġie riferut lill-Ispettur Daryl Borg mill-għassa tal-Belt.

**L-Ispettur Matthew Galea** xehed u kkonferma li kien qed jirrikonoxxi żewġ dokumenti relatati mal-imputat Joseph Grech: ossia ir-rinunzja għal parir legali qabel u waqt l-interrogatorju, u stqarrija ta' erba' faċċati. Għaraf il-firem tiegħu, tas-Supretendent Robert Vella u tal-imputat. Huwa kkonferma li ma kellu l-ebda rwol ieħor fl-investigazzjoni.

**Michelle Mangion** xehdet illi hija kienet il-*partner* ta' Matthew Vassallo u li Joseph Grech huwa ħabib tagħha u kellhom it-tfal tagħhom ħbieb. Qalet illi dakinhar tal-akkadut, Grech kien mar id-dar tagħha sabiex isaqsiha jekk kienetx it-tifla tiegħu. Vassallo, li kien fuq fl-appartament tagħha, u li kien jissusspetta li kien hemm xi ħaġa oltre minn ħbiberija fir-relazzjoni tagħha ma' Grech, beda jgħajjat sabiex Grech jitlaq 'l hemm. L-imputat min-naħa tiegħu beda jgħid lil Mangion li ma kelliex xi tridu lil Vassallo. Mad-daqqa u l-ħin inqala argument jaħraq bejn Vassallo u l-imputat, fejn Vassallo minn fuq beda jgħajjat mal-imputat li kien isfel ħdejn il-bieb. L-argument baqa' biss bil-kliem. Hija qalet lil Grech biex jitlaq 'l hemm bil-kwiet u dan hekk għamel. Vassallo sadanittant mar biex jitlaq 'l barra mill-appartament u njora lil Mangion li ħeġġitu biex jibqa' ftit ġewwa sakemm Grech jitlaq bil-kwiet. Hija tenniet illi wara li telgħet 'l fuq fl-appartament tagħha ma kienet semgħet l-ebda kommossjoni jew għajjat u qalet li saret taf b'dak li kien allegatament seħħ biss l-għada filgħodu.

**Dr. Joseph Saliba** xehed fl-affidavit tiegħu illi fl-20 ta' Novembru 2018 huwa nvista lil Matthew Vassallo fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta wara li kien ġie irreferut lilu miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana għal *x-ray* ta' driegħu. Dan l-*x-ray* wera li ma kien hemm l-ebda ksur u huwa ċċertifika lil Vassallo li kellu ġrieħi ta' natura ħafifa.

**Dr. Patrick Huhn** xehed fl-affidavit tiegħu illi fl-20 ta' Novembru 2018 huwa eżamina lil Matthew Vassallo fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana u għamel is-segwenti kummenti: *"Allegedly involved in a fight and hit by piece of metal on left forearm … tender swelling … unable to straighten in elbow and reluctant to rotate forearm. Also 2 cm diameter bruise forehead and complaining of tenderness left thigh (no bruise)."*

**Dr. Martin Bajada** xehed li kien ġie maħtur bħala espert fl-inkjesta appuntata mill-Maġistrat Dr. Joseph Mifsud. Huwa spjega li ġabar filmati mill-kameras tas-CCTV u ħareġ stampi (stills) minn tliet postijiet: Numru 10, Triq id-Dejqa, il-Belt Valletta; il-Ministeru tal-Affarijiet Interni; u l-MaltaPost fi Strada Stretta. Minn dawn il-filmati, huwa ħareġ ftit stampi iżda ma rriżultalu xejn li jindika xi ġlied. Ma setax jikkonkludi xejn minn dak li osserva fil-filmati tas-CCTV.

Meta ġie mistoqi jekk kellux kopja tar-rapport tiegħu, Dr. Bajada qal li jista' jipprovdi kopja tar-rapport li kien ħejja hu stess, iżda mhux il-footage tas-CCTV peress li dan kien ġie ippreżentat fl-istadju tal-inkjesta. Ix-xhud esebixxa kopja tar-rapport tiegħu.

**L-Ispettur Daryl Borg** fix-xhieda tiegħu qal li fl-20 ta' Novembru 2018 kien irċieva rapport li ċertu Joseph Grech kien instab quddiem is-showroom tal-Peugeot fil-Blata l-Bajda b'diversi ġrieħi. Grech kien tkellem mal-Pulizija u ddikjara li dawn il-ġrieħi kienu kkawżati minn Matthew Vassallo flimkien ma' persuni oħra, wara argument li kien beda fi Triq Strada Stretta.

L-Ispettur Borg qal li s-Supretendent Robert Vella kien tkellem miegħu biex jivverifika jekk kienx hemm xi kameras ta' CCTV fi Strada Stretta li setgħu jgħinu fl-investigazzjoni. Għal dan il-għan, huwa bagħat lill-Pulizija biex jiċċekkjaw għall-kameras u dawn għaddew l-informazzjoni lis-Supretendent Vella.

Min-naħa tiegħu, l-Ispettur Borg kellem lil Matthew Vassallo, li kien l-allegat aggressur. Vassallo stqarr li fil-jum tal-inċident kien Strada Stretta għand is-sieħba tiegħu, meta mar hemm Joseph Grech. Skont l-Ispettur, Vassallo qallu li kien hemm biss argument verbali bejnithom u li l-persuna l-oħra, ossia l-imputat, telaq minn fuq il-post mingħajr ebda kuntatt fiżiku. L-Ispettur Borg spjega li l-investigazzjoni tiegħu kienet waslet sa dak il-punt. Meta ġie mistoqsi fil-Qorti jekk kienx jiftakar x'kien qal Vassallo rigward xi ġrieħi li sofra, l-Ispettur wieġeb li ma setax jiftakar.

Fis-seduta sussegwenti reġa xehed l-istess xhud, Spettur Daryl Borg, fejn din id-darba ta informazzjoni li kienet tikkuntrasta ma dak li xehed fis-seduta preċedenti. Huwa qal li fil-20 ta' Novembru 2018 kien tkellem ma' ċertu Matthew Vassallo dwar inċident li seħħ fil-lejl ta' qabel. Vassallo stqarr li kien qiegħed għand it-tfajla tiegħu, Michelle, li tgħix fi Strada Stretta, il-Belt Valletta, meta għall-ħabta tad-9:30 p.m. kien ħabbat il-bieb tagħha l-imputat magħruf bħala "ż-Żinanna". Michelle kienet niżlet biex tara min kien, u Matthew qal li niżel ukoll wara li sema' liż-Żinanna jheddu u jinsultah. Skont Vassallo, wara li niżel ħdejh, bdew jargumentaw. Ż-Żinanna qabad siġġu u xejjru fid-direzzjoni tiegħu u kellu wkoll mus li beda jxejjru lejh iżda ma laqtux bih. Waqt dan l-argument, għaddew erba' ġuvintur li Vassallo ma kienx jaf, u dawn bdew jkeċċu liż-Żinanna. Ż-Żinanna mbagħad dar fuqhom u kompla jiġġieled magħhom sakemm imxew aktar 'il fuq minn Strada Stretta, lejn l-istabbiliment tal-Pizza Hut. Matthew, li kien inkwetat li ż-Żinanna seta' jirritorna u jheddu mill-ġdid, tela' fuq u reġa ħareġ sabiex imur lura d-dar tiegħu f'Bormla. L-Ispettur Borg qal li dik kienet il-verżjoni li kien ħa mingħand Matthew Vassallo. Meta ġie mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jekk qattx kellem lill-imputat, l-Ispettur wieġeb fin-negattiv.

Fuq mistoqsijiet mill-Avukat Parte Ċivili, l-Ispettur kkonferma li Matthew Vassallo huwa persuna b'diżabilità u jinsab f'wheelchair. Wara kjarifika mill-Qorti, huwa qal li Vassallo ma jimxix u ma jistax jimxi, għaliex m'għandux riġlejn.

Fil-kontro-eżami, id-difiża staqsiet jekk id-diżabilità ta' Vassallo kinitx riżultat ta' dan l-inċident, u l-Ispettur wieġeb b'mod ċar li le, ma kellha xejn x'taqsam mal-każ in kwistjoni.

**Lorriane Spiteri**, Deputat Reġistratur, xehdet u ppreżentat xi dokumenti mill-inkjesta.

Il-parti offiża **Matthew Vassallo** xehed li fid-19 ta' Novembru 2018, għall-ħabta tal-10:30 ta' filgħaxija fil-Belt Valletta, kien involut f'inċident mal-imputat Joseph Grech. Hu spjega li l-imputat, li kien fis-sakra, beda jgħajjat lil Michelle Mangion – omm it-tifel ta' Vassallo – b'lingwaġġ offensiv u abbużiv quddiem ir-residenza tagħha fil-Belt. Vassallo qal li meta sema' l-għajjat, niżel mit-tielet sular fejn kien fil-flat ta' Michelle, u sab lil Grech barra mill-binja, fil-partijiet komunali, jiġifieri mhux ġewwa l-flat. Vassallo xehed li Grech qabad siġġu tal-ħadid minn barra fejn kien hemm il-ħwienet u beda jxejjer bih lejh u jheddu li jisparalu u joqtlu. Allega li Grech kien ħareġ ukoll mus minn butu iżda ma użahx. Vassallo qal li hu pprova jiddefendi ruħu u jillimita l-ħsara billi jilqa' d-daqqiet bil-idejn, iżda sofra ġrieħi f'idejh. Hu stqarr li ma setax jaħrab minħabba d-diżabilità li jsofri minnha. Ix-xhud ċaħad li ta daqqiet lil Grech, u insista li aġixxa biss biex jiddefendi lilu nnifsu. Qal wkoll li wara l-inċident, telaq minn hemm b'għajnuna ta' persuna li kienet għaddejja bil-karozza u li ħaditu Bormla, u ma reġax ħareġ mid-dar dak il-lejl.

L-imputat **Joseph Grech** għażel li ma jixhidx. Fl-istqarrija tiegħu tat-13 ta' Jannar 2019 lill-Pulizija huwa kien qal is-segwenti. Joseph Grech spjega li kien ilu jaf lil Michelle Mangion għal madwar tmien snin, u anke kien għex magħha għal xi żmien wara li ħareġ mill-ħabs, peress li ma kellux fejn joqgħod. Huma kienu ħbieb, u qisha kienet parti mill-familja tiegħu. Dwar Matthew Vassallo, qal li qatt ma kien kellmu jew għarfu personalment, imma kien jarah bil-wheelchair fil-bieb tal-Belt. Dwar l-inċident, Grech qal li fil-lejl tal-19 ta' Novembru 2018, niżel fid-dar ta' Michelle għax bdiet iċċempillu. Kien wasal sa Kastilja b'għajnuna ta' ħabiba u baqa' miexi sa għand Michelle, fejn sabha tgħajjat u tibki flimkien ma' bintha ta' sitt snin. Michelle qaltlu li Matthew kien qiegħed isawwatha u jibgħatha tqassam id-droga biex iġibilha flus. Grech stqarr li qalilha biex titfgħu 'l barra u tgħix ħajjitha, u sejjaħ lil Matthew "imbarazz". Grech sostna li ħareġ 'l barra u Matthew attakkah b'sikkina bajda, u laqtu f'saqajh. Biex jiddefendi ruħu, Grech qal li qabad siġġu u bdew jiġbdu 'l quddiem u 'l wara. Huwa qal li ħarab minn hemm u baqa' sejjer lejn Blata l-Bajda fejn ħabib tiegħu kellu jiġbru. Madankollu, qal li waqaf viċin tal-istage tal-Bombi u minn vann ħarġu erba' nies: Matthew, Luca, u żewġ nisa li

identifikahom bħala ommu u oħt  Matthew (li qabel ma kienx jafhom). Skont Grech, Luca kellu ħadida twila u tawh daqqa f'rasu u f'idejh, u mbagħad Matthew tah bil-ponn f'wiċċu.

Grech qal li omm u oħt Matthew bdew jgħajruh "pufta", u waħda minnhom għaddiet il-ħadida lil Matthew. Qal li kien intilef minn sensih għal ftit u meta ġie f'tiegħu sab persuna ta' ġilda sewda ħdejh, u ftit wara waslet l-ambulanza u l-Pulizija. Huwa sostna li dawn in-nies kollha kienu attakkawh u li seta' jiddentifikahom biċ-ċert għaliex kien għarafhom minn ritratti li kienu fuq Facebook.

Grech ċaħad li qatt hedded lil Matthew jew li qatt kellmu, u qal li ma kellux mus (sikkina) miegħu, u li kieku kellu, kieku ma kienx se jaħrab. Hu sostna li kien Matthew li kien attakkah l-ewwel, u li hu kien sempliċement mar jara lil Michelle meta safa involut fl-inċident.

*Kunsiderazzjoni*

Il-Qorti tqis illi l-iktar xhieda pertinenti hija dik li ngħatat mix-xhieda li kienu l-aktar viċin tal-akkadut: ossia l-*parti offiża* Matthew Vassallo, Michelle Mangion u l-istqarrija tal-imputat. Is-siwi tax-xhieda ta' Michelle Mangion huwa ferm limitat billi din jew kienet reluttanti jew inkella ma setgħetx tixħet dawl fuq l-inċident għajr illi l-argument li rat hi kien biss wieħed ta' natura verbali u li quddiemha ma kienux ġġieldu bl-idejn. Sostniet ukoll illi ma kienet semgħet l-ebda kommossjoni jew għajjat mill-appartament tagħha. L-imputat min-naħa tiegħu fl-istqarrija għalkemm ma jinnegax illi kien involut f'argument jaħraq ma' Matthew Vassallo li spiċċa f'alterkazzjoni fiżika, min-naħa l-oħra jgħid illi huwa aġixxa biss biex jiddefendi lilu nnifsu u dan billi beda jżomm siġġu sabiex jilqa' mid-daqqiet ta' Vassallo. Dan tal-aħħar xehed illi kien l-imputat illi beda jxejjirlu d-daqqiet. Il-Qorti tqis illi hemm konflitt ċar bejn dak li stqarr l-imputat u dak li xehed il-*parti offiża.* Iżjed minn hekk, ix-xhieda tal-istess *parti offiża* fiha ukoll numru ta' kontradizzjonijiet ma dak li kien stqarr lill-Pulizija fosthom dik illi mentri fix-xhieda tiegħu qal illi l-imputat ma kienx uża l-mus, fl-istqarrija tiegħu kien qal illi kien beda jxejjer dan il-mus fid-direzzjoni tiegħu għalkemm ma kienx laqtu. F'dawn iċ-ċirkustanzi l-Qorti ssib li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilix tilħaq il-grad rikjest fil-kamp penali sabiex tipprova l-każ tagħha.

**Decide**

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tillibera lill-imputat minn kull akkuża fuq nuqqas ta' provi.**

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y.M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |